# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Ġuramentat Numru: 36/2021 SG**

**Federated Mills p.l.c.**
**(C 15903)**

**vs**

**Mezzan Bakery Limited**
**(C32305)**

**Illum it-Tlieta, 15 ta' Ġunju 2021**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Federated Mills p.l.c tat-13 ta' Mejju 2021 li permezz tiegħu ġie premess u mitlub is-segwenti:

*"1. Illi s-soċjeta' rikorrenti topera impjant tal-produzzjoni ta' materja prima, primarjament, tqiq, liema tqiq sussegwentement jinbiegħ fis-suq lokali tal-furnara, lukandi u diversi kumpanija oħrajn produtturi tal-ħobż fost diversi affarijiet oħrajn.*

*2. Illi s-soċjeta' konvenuta, sa minn żmien ilu, kienet tixtri, u s-soċjeta' rikorrenti kienet tissuplixxi lilha, ammont sostanzjali ta' tqiq, liema tqiq dejjem ġie aċċettat u qatt ma kien hemm xi oġġezzjoni jew kontestazzjoni fuq il-kwalita' tal-materja li kienet qegħda tiġi mogħtija lill-istess soċejta' konvenuta.*

*3. Illi minkejja li s-soċjeta' rikorrenti baqgħet tissuplixxi dan it-tqiq, f'dawn l-aħħar snin, is-soċjeta' konvenuta waqfet tagħmel il-pagamenti dovuti minnha, minkejja li baqgħet tordna u*

*taċċetta t-tqiq supli mis-soċjeta' rikorrenti, u dan kif jidher biċ-ċar anke mir-rendikont hawn anness u mmarkat bħala 'Dok FM 2'.*
*Raġunijiet għat-Talba Attriċi*

*4. Illi s-soċjeta' rikorrenti kkomunikat kemm-il darba mas-soċjeta' konvenuta l-fatturi relattivi, li fit-totalita' tagħhom jammontaw għal ħamsa u għoxrin elf u seba' mija u disgħa u disgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€25,799.20ċ), u dan anke kif jirriżulta minn kopji tal-istess fatturi hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok FM 3' sa 'Dok FM 14'.*

*5. Illi minkejja l-interpellazzjonijiet kollha li saru mis-soċjeta' intimate, inkluż permezz tal-preżetnata tal-ittra uffiċċjali intavolata ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjeta' konvenuta dejjem għażlet li tibqa inadempjenti, anke kif jidher min-nota preżentata fl-atti tal-ittra uffiċċjali hawn msemmija, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok FM 15'.*

*6. Illi l-ammont li qiegħed jintalab mis-soċjeta' rikorrenti huwa dejn ċert, likwidu u dovut, u hija ukoll il-fehma tas-soċjeta' rikorrenti li l-intimat m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont. Għalhekk jirriżulta li jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*7. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, tgħid is-soċjeta' intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex.*

1. *Taqta' u tiddeċiedi t-talba tar-rikorrenti u tgħaddi għas-sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skont l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Tiddikjara illi l-intat huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf u seba' mija u disgħa u disgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€25,799.20ċ).*

3. *Tillikwida s-somma ta' għal ħamsa u għoxrin elf u seba' mija u disgħa u disgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€25,799.20ċ), flimkien mal-imgħax legali dekorribli mil-ġurnata li fihom inħarġu l-fatturi relattivi.*

4. *Tordna li l-ammont hekk likwidat jitħallas fl-intier tiegħu lis-soċjeta' rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat kif ukoll rat l-affidavit ta' Marco Cachia, General Manager tas-soċjeta' rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta ta' llum.

Rat in-nota ta' ammissjoni ppreżentata mis-soċjeta' intimata.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Decide**

**In vista tan-nota ta' ammissjoni ppreżentata mis-soċjeta' intimata, din l-Onorabbli Qorti qed taqta' u tiddeċidi din il-kawa billi qed tilqa' t-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi fis-sens li qed tiddikjara li s-soċjeta' intimata hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti għas-somma ta' ħamsa u għoxrin elf, u seba' mija u disgħa u disgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€25,799.20ċ) flimkien ma' l-imgħax legali dekorribbli mill-ġurnata li fihom inħarġu l-fatturi relattivi; tillikwida s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf, u seba' mija u disgħa u disgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€25,799.20ċ) flimkien ma' l-imgħax legali dekorribbli mill-ġurnata li fihom inħargu l-fatturi relattivi u tordna li s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf, u seba' mija u disgħa u disgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€25,799.20ċ) flimkien ma' l-imgħax legali dekorribbli mill-ġurnata li fihom inħargu l-fatturi relattivi jitħallas fl-intier tiegħu mis-soċjeta' intimata lis-soċjeta' rikorrenti.**

**Tordna li l-ispejjeż kollha relattivi għal din il-kawża jiġu sopportati mis-soċjeta' intimata.**

(ft) Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

15.06.2021 – Sup36.2021 – Federated Mills p.l.c vs Mezzan Bakery Limited
648